MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 1352/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**vs**

**Twanny Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Twanny Grima ta’ 32 sena, bin Anthony Grima u Anna Grima nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar il-5 ta’ Mejju 1977, jirrisjedi Flat 2, Triq l-Isqof Pietru Pace Paola u detentur tal-karta tal-identita’ numru 237077(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(A) Matul ix-xhur ta’ Marzu u Frar 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ ‘Visa Card’

mahrugha mill-bank HSBC ta’ Malta lil Iris Vella ghad-detriment ta’ l-istess Iris Vella.

Matul l-istess perijodu ta’ zmien,

(B) Ikkommetta serq ta’ flus permezz ta’ l-istess ‘Visa Card’ liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ghad-dannu ta’ l-istess Iris Vella.

(C) Matul l-istess perijodu ta’ zmien minghajr awtorizazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol, f’xi data, software jew dokumentazzjoni t’appogg li jinzamm f’dak il-compjuter.

(D) Matul l-istess perijodu ta’ zmien uza kodici ta’ dhul, password jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’compjuter

(E) Matul l-istess perijodu ta’ zmien bi hsara ta’ haddiehor ghamel qligh b’qerq.

(F) Matul l-istess perijodu ta’ zmien b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika il-provedimenti ta’ l-artikoli 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-10 ta’ ta’ Gunju 2011 (inserita a fol. 151 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htiijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-Artikoli 261(d)(e); 268; 269 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) Fl-Artikoli 261(c) u 279 tal- tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) Fl-Artikoli 337C(1)(a) u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) Fl-Artikoli 337C(1)(i) u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(5) Fl-Artikoli 308; 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 17, 18, 31, 334, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Gunju 2011, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Bejn l-ahhar tas-sena 2008 nofs is-sena 2009 l-imputat kellu relazzjoni ma certu Iris Vella fejn huwa kien anki mar jghix fid-dar taghha f'Haz-Zebbug fejn hija kienet tghix ma ommha u ma binha minuri. Fit-12 ta' Marzu 2009 din Iris Vella ghamlet rapport fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug[1] fejn indikat li meta rceviet l-istatements tal-VISA card mahruga f'isimha mill-HSBC Bank (Malta) plc liema card ghandha n-numru 4568823126462992 setghat tinnota li kien hemm tlett transazzjonijiet fejn ingibdu xi flus mill-ATM li hija kienet certa li m'ghamlitx hi. Dawn it-tlett transazzjonijiet skond dak li qed tallega il-Prosekuzzjoni saru in kwantu ghal tnejn minnhom fil-25 ta' Frar 2009 fis-2.00pm mill-fergha tal-HSBC ta' Haz-Zebbug fejn ingibdu €250 u €250 u in kwantu ghat-tielet transazzjoni fis-27 ta Frar 2009 fis-1.05pm mill-fergha tal-HSBC f'Birzebbugia fejn ingibdu €50. Mill-provi rrizulta li meta Iris Vella tkellmet mal-HSBC call centre dawn kienu indikawlha li meta kienu raw u ezaminaw il-filmati tac-CCTV recordings li kien hemm installati fl-ATM's minn fejn saru it-transazzjonijiet li hija kienet qed tirreferi ghalihom kien deher ragel liebes beritta u sidrija blu li kien qed ipejjep. Mix-xhieda tal-Ufficjal

[1] Rapport inserit a fol. 34 sa 36 tal-atti processwali.

Prosekutur l-Ispettur Anthony Cachia li xehed waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2010 jirrizulta li fit-18 ta' Marzu 2009 Iris Vella regghat ghamlet rapport iehor fejn indikat zewg transazzjonijiet ohra li ma kinitx certa li ghamlithom hi u dawn kienu transazzjonijiet li saru fil-15 u fis-16 ta Jannar 2009 fejn ingibdu €250 u €100 rispettivament.

Illi f'dawn il-proceduri xehdet Iris Vella waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2010 fejn din indikat li kienet ghamlet ir-rapport li ssemma aktar 'il fuq fejn hija kienet qalet li sabet xi transazzjonijiet li kienu jammontaw ghas-somma kumplessiva ta' €550 li dehrilha li ma kinitx ghamlet hi u li kienu indikati fuq l-istatement li rceviet minghand l-HSBC rigwardanti il-VISA credit card mahruga f'isimha. Din Iris Vella qalet ukoll li meta hija kienet tkellmet mal-bank huma kienu wrewha filmat f'liema filmat kienu jidhru l-istills esebiti a fol. 29 u 30 tal-process fejn hija kienet gharfet lill-imputat f'uhud mir-ritratti. Vella spjegat li l-imputat kien jakkompanjaha l-iskola sabiex tigbor lit-tifel u hija kienet thalli l-handbag bil-kartiera fil-karozza fejn kien jibqa' l-imputat sakemm hija tigbor lit-tifel. Hija spjegat li fil-kartiera kien ikollha il-card b'karta zghira bil-pin number relattiv ghall-istess card. Hija qalet ukoll li lill-imputat qatt ma tatu il-card taghha jew altrimenti indikatlu x'kien il-pin number tal-istess card.

Ikkunsidrat

Illi f'dawn il-proceduri il-Prosekuzzjoni esebiet dvd[2] u sett ta' stills[3] mehuda minn dan id-dvd. Dan id-dvd u l-istills relattivi gew esebiti minn PS 516 Alfio Borg li xehed waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2010 fejn dan indika li d-dvd kien gie mghoddi lilu mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Cachia. Dan tal-ahhar indika li d-dvd kien gie mghoddi lilu mill-HSBC.

F'dawn il-proceduri xehed Joseph Sammut mis-Security Department tal-HSBC fejn dan indika li kien ghadda zewg cd's li kienu jirreferu ghal cctv recordings mehuda mill-

[2] Dok. AB1 inserit a fol. 53 tal-atti processwali.
[3] Dok. AB2 inserit a fol. 54 tal-atti processwali.

branches ta’ Haz-Zebbug u ta’ Birzebbugia li kien ghaddihom lil PS 1133.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fil-kors tal-investigazzjonijet huwa kien irrilaxxja zewg stqarrijiet[4] fejn ghalkemm huwa kkonferma li kellu relazzjoni ma Iris Vella u li kien ghamel xi zmien jghix maghha huwa cahad li qatt gibed xi flus bil-card ta’ Iris Vella. Meta gie muri xi ritratti mehuda minn filmati tal-cameras tal-HSBC huwa gharaf lilu nnifsu f’tnejn mir-ritratti.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b’diversi mputazzjonijiet lkoll konnessi mat-tehid u l-uzu tal-credit card mahruga f’isem Iris Vella u dan minghajr l-awtorizzazzjoni taghha. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexilhiex tipprova dawn l-imputazzjonijiet sal-grad rikjest mill-ligi. Dan jinghad principalment ghal zewg ragunijiet u cioe’ Iris Vella meta xehdet f’dawn il-proceduri naqset milli tindika liema kienu dawk it-transazzjonijiet li jidhru fuq l-istatement rilaxxjat mill-bank li ma kinitx ghamlet hi. Inoltre fid-dvd u l-istills mehuda mill-istess dvd ma hemmx indikat id-dati u l-hinijiet li ghalihom jirreferu l-istills u ghalhekk ghalkemm il-Qorti setghat tikkonstata li effettivament l-imputat jidher f’uhud mill-istills ma ghandha ebda indikazzjoni jekk dawk l-istills effettivament jirrieferux ghad-dati u l-hinijiet meta saru it-transazzjonijiet li l-Prosekuzzjoni qed tallega li gew effetwati mill-imputat minghajr il-kunsens ta’ Iris Vella. Irid ukoll jigi nnutat li fl-istills jidher persuna ohra li huwa evidenti lli m’huwiex l-imputat fil-kawza odjerna. Irid ukoll jigi rilevat li meta xehed Joseph Sammut ir-rapprezentant mis-security department tal-bank huwa fl-ebda hin ma indika li d-dvd inserit a fol. 53 tal-atti processwali kien l-istess wiehed li

[4] Inseriti a fol. 24 sa 28 tal-atti processwali.

huwa kien ghadda lill-Pulizija. Huwa inoltre fl-ebda hin ma indika d-dati u l-hinijiet li ghalihom kienu jirreferu z-zewg cd's li huwa jghid li ghadda lil Pulizija bil-filmati mehuda mill-ferghat ta' Haz-Zebbug u Birzebbugia.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jinghad li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat seraq u ghamel uzu mhux awtorizzat mill-VISA card mahruga mill-HSBC Bank Malta plc f'isem Iris Vella.

Ghal dawn il-motivi l-Imputat qed jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement huwa qed jigi liberat mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------